MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 2109/2000/1

**C & B Autoparts Ltd**
**v.**
**Caroline u Mario konjugi Spiteri**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Settembru, 2000 is-socjeta` attrici ppremettiet illi hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' tlett elef erba' mija u ghaxar liri Maltin (LM3,410) import ta' wiehed u tletin (31) kambjala ta' mija u ghaxar liri Maltin (LM110) kull wahda illi skadew fid-data msemmija fl-istess

kambjali kopja ta' liema qeghdin jigu annessi u markati bhala Dokumenti "A1" sa "A31" rispettivament; illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu dana l-ammont lis-socjeta` attrici; illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta` attrici, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu; ghalhekkk talbet li dik il-Qorti:-

1. taqta' u tiddecidi l-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 u cioe` bid-dispensa tas-smigh;

2. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu solidalment bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u ghaxar liri Maltin (LM3,410) dovuta kif fuq inghad.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

B'digriet tal-11 ta' Dicembru, 2000 il-konvenuti gew awtorizzati jikkontestaw it-talba attrici u moghtija ghoxrin gurnata ghall-prezentata ta' l-eccezzjonijiet taghhom u ghalhekk b'nota pprezentata fis-27 ta' Dicembru, 2000 huma eccepew:-

1. Illi l-pretensjonijiet tal-kumpanija attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammonti indikati fil-kambjali esebiti flimkien mac-citazzjoni kienu gia` mhallsa mill-konvenuti hekk kif jindika l-istess dokument iffirmat minn rapprezentant jew impjegat tal-kumpanija attrici gia` esebit u immarkat bhala Dok. CS.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tat-2 ta' Ottubru, 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi laqghet it-tieni talba attrici u konsegwentement ikkundannat lill-konvenuti jhallsu solidalment bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u ghaxar liri Maltin (LM3,410) kif mitluba, bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

"Is-socjeta` attrici kienet bieghet karozza Mitsubishi Pajero lill-konvenuti bil-prezz ta' LM6,800 minn liema somma l-konvenuti kienu hallsu LM2,000 bhala *deposit* u kellhom

ihallsu l-bilanc b'rati ta' LM100 fix-xahar. Huma kienu ffirmaw kambjali ghall-bilanc. Wara xi zmien il-konvenut Mario Spiteri kien gab lil Joseph Schembri li kellu jiehu fuqu d-dejn li kien fadlilhom il-konvenuti. Il-partijiet ma jaqblux kif graw l-affarijiet minn hemm 'l quddiem.

"L-atturi qed isostnu li l-kontendenti kellhom l-intenzjoni li d-dejn jinqaleb minn fuq il-konvenuti ghal fuq Joseph Schembri pero` bil-kundizzjoni li l-konvenuti jibqghu jaghmlu tajjeb ghad-dejn fil-kaz li Schembri jonqos li jonora l-obbligi tieghu lejn is-socjeta` attrici (ara nota ta' l-atturi para. 8).

"Minn naha l-ohra l-konvenuti qed isostnu li l-atturi kienu accettaw li d-dejn jinqaleb ghal fuq Schembri izda minghajr ebda kundizzjoni u l-atturi taw il-*cancellation form*, ir-Regulation 25 lil Mario Spiteri u ghamlu d-dikjarazzjoni a fol. 47. L-atturi jghidu li dina l-kitba saret in *buona fede* u l-konvenut Mario Spiteri kien dahaq bihom billi ma ffirmax il-ftehim li kellu jibqa' responsabbli u ha l-karta tar-Regulation 25 kontra l-volonta` taghhom.

"L-atturi qed jikkontendu li d-dikjarazzjoni a fol. 47 kienet saret minnhom biex jaghmlu pjacir lill-konvenut Mario Spiteri li kellu bzonn ibiegh il-karozza billi kellha l-hsara u minghajr dana d-dokument ma setghax ibiegh. Huma pero` kienu qalu lil Spiteri li biex jaghtuh dak id-dokument kellu jiffirma dokument iehor fejn jiddikjara li hu kien ser jibqa' responsabbli ghad-dejn fil-kaz li Schembri jonqos li jonora l-obbligi tieghu lejn is-socjeta` attrici. Spiteri ha dan id-dokumenti (sic), kontra l-volonta` ta' l-atturi, minghajr pero` ma ffirma d-dikjarazzjoni l-ohra.

"Il-konvenuti qed jissottomettu li l-atturi lanqas biss ipprezentaw dan l-allegat ftehim li l-konvenut suppost kellu jiffirma. Mix-xhieda ta' l-istess konvenut Spiteri pero` jirrizulta li dan mhux qed jichad li kien hemm dana l-ftehim imma li hu ma ffirmahx billi l-atturi accettaw li jaghtuh il-*cancellation form* bla ma jiffirma d-dikjarazzjoni. Dan pero` m'hu verosimili xejn u hu michud kemm minn Albert Scerri kif ukoll minn Joseph Camilleri.

“Il-konvenuti qed jissottomettu wkoll li l-atturi ma nsistewx mal-konvenut biex jirritorna dan id-dokument li gie karpit minnu u lanqas hadu passi biex jimpunjaw dan id-dokument. Jirrizulta li kemm Albert Scerri kif ukoll Camilleri kienu talbu lil Spiteri diversi drabi biex jiffirma d-dikjarazzjoni izda dana minflok, irrifjuta u kien jghidilhom biss li hu ma kellux x’jaqsam mad-dejn li assuma Schembri u kien jipprova jghinhom biss biex jigbru l-flus. L-atturi ma pprocedewx oltre kontra l-konvenut billi kienu qed jippretendu li Spiteri kien ghadu ma nhallx mill-obbligazzjoni tieghu u li l-kambjali kienu ghadhom dovuti minnu.

“Jirrizulta wkoll mill-provi li Schembri kien assuma d-dejn tal-konvenuti billi hu kellu jaghti LM9,000 lil Spiteri. Spiteri xehed li fil-fatt Schembri hallas dana d-dejn u xehed ukoll li l-karozza ma kienx hadha Schembri imma kien bieghha.

“Illi mill-provi prodotti l-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni ghalhekk li, nonostante d-dokument a fol. 47, il-konvenuti ma kienux gew rilaxxjati mill-atturi mid-debitu li huma kellhom fil-konfront ta’ l-atturi, billi ghalkemm Schembri ffirma minn naha tieghu l-ftehim, il-konvenuti ma kienux iffirmaw dan il-ftehim u dina kienet kundizzjoni li l-atturi mponew qabel ma l-konvenuti jigu mehlusa mill-obbligi taghhom biex ihallsu lill-atturi l-bilanc tal-prezz tal-vettura."

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza. Huma ghandhom bazikament zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti skartat ghal kollox il-principju “*contra scriptum non est argomentum*”. It-tieni aggravju hu fis-sens li s-socjeta` appellata ma rnexxilhiex tipprova fuq bilanc ta’ probabbilita` l-pretensjonijiet taghha ghaliex naqset milli ggib provi sufficjenti, kif ukoll l-ahjar prova.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti.**

L-azzjoni promossa mis-socjeta` attrici hija dik maghrufa bhala azzjoni kambjarja li tistrieh fuq l-ezistenza ta’ diversi kambjali li gew accettati mill-konvenuti. Dawn il-kambjali jinsabu f’idejn l-istess socjeta` attrici u ma gewx onorati.

Il-kontestazzjoni tal-konvenuti m'hijiex indirizzata lejn il-kambjali '*per se*'. Infatti mhux qed jigi allegat li dawn huma difettuzi u ghalhekk hemm nullita`, liema eccezzjoni tista' twassal ghan-non ezigibilita` ta' l-ammonti fihom indikati. Lanqas ma hu qed jigi allegat li hemm xi ostaklu ghall-pagament taghhom minhabba xi eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjali jew li dawn gew mitlufa jew minhabba falliment ta' l-istess pussessur[1] - eccezzjonijiet dawn li normalment jinghataw f'azzjoni simili. Li qed jinghad mill-konvenuti, kif espress fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom, huwa li l-kambjali jinsabu mhallsa kif jixhed id-dokument CS esebit mill-istess konvenuti. Fir-realta`, u kif zvolgew il-provi, - anke minhabba l-fatt li, kontra kull principju naxxenti mill-istitut tal-kambjali, l-istess kambjali ghadhom f'idejn is-socjeta` attrici, - l-eccezzjoni tal-konvenuti hija msejsa fuq dak li jipprovdi s-subtitolu V, tat-Titolu IV tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili u cioe` fejn huma kunsidrati d-diversi modi kif obbligazzjonijiet jispiccaw. In effetti, minn dak li rrizulta waqt is-smiegh tal-kawza in prim istanza, jidher li l-konvenuti kienu qed jibbazaw id-difiza taghhom fuq il-kuncett ta' "**novazzjoni**", billi qed jigi sottomess li l-obbligazzjonijiet taghhom naxxenti mill-imsemmija kambjali gew imxejjna meta s-socjeta` attrici accettat u rrikonoxiet persuna ohra, certu Joseph Schembri, bhala debitur taghha minflok l-istess konvenuti. F'dan il-kuntest, ghalhekk, irid jinqara u jinftiehem id-dokument CS a fol. 47 tal-process, kif ukoll l-eccezzjoni moghtija mill-konvenuti. Infatti, ghalkemm fid-dokument CS, imsemmi, qed jigi dikjarat lid-Direttur tat-Traffiku, ghall-fini tar-Regulation 25, li "*we have received the final payment from Mr Mario Spiteri ….*" mhux kontestat li meta giet rilaxxata din id-dikjarazzjoni, l-pagament ma kienx ghadu sar, tant hu hekk li l-kambjali kienu ghadhom f'idejn is-socjeta` attrici. F'dan il-kuntest ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda rilevanza fl-espressjoni bil-Latin citata fir-rikors ta' l-appell mill-konvenuti appellanti. Dan ghaliex jekk il-konvenuti appellanti ghandhom f'idejhom u esebew id-dokument CS, li jattesta s-sodisfazzjoni tad-debitu, l-istess socjeta` appellata ghandha f'idejha il-kambjali, mhux onorati,

[1] Ara Artikoli 198 u 199 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

ffirmati mill-istess konvenuti li, kif jipprovdi l-Artikolu 199 tal-Kap 13, ma jippermettu li ssir ebda opposizzjoni ghall-hlas taghhom, hlief fil-kaz ta’ telf tal-kambjali jew ta’ falliment tal-pussessur. Cirkostanzi dawn li certament ma jirrizultawx.

Novazzjoni ssehh, fost cirkostanzi ohra, “*meta debitur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur*”[2]. Novazzjoni, pero`, mhix prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car[3], u inoltre m’hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tigix maqtula[4]. Inoltre kif jinghad fl-artikolu 1183 tal-Kap. 16, “*id-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor, illi jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ggibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volonta` tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni.*”

Issa mill-atti processwali jirrizulta b’mod car li, minkejja li tressaq Joseph Schembri li assuma d-debitu tal-konvenuti, qatt ma kienet l-intenzjoni tas-socjeta` attrici li tirrilaxxa lill-konvenuti mill-obbligi taghhom naxxenti mill-kambjali minnhom ifirmati. Infatti dawn il-kambjali, minkejja l-allegata novazzjoni, ma gewx ritornati lill-konvenuti u lanqas ma gew kancellati, u dan minkejja l-fatt li l-konvenuta fix-xhieda taghha moghtija fil-11 ta’ Dicembru, 2000 (fol. 45) tghid espressament li “ftehmna li l-kambjali jinqalbu fuq din il-persuna” (cioe` Schembri) u dana minkejja il-fatt ukoll li l-istess xhud kienet konxja ta’ l-importanza li l-kambjali jigu ritornati biex tigi terminata l-obbligazzjoni minnhom naxxenti – f’dan ir-rigward l-istess xhud qalet hekk “meta nhallsu l-kambjala jaghtihilna lura”. Inoltre jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet insistiet li l-konvenuti Spiteri jibqghu responsabbli ghad-dejn u sahansitra jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet talbet lill-konvenut li jiffirma dokument f’dan is-sens – allegazzjoni din li ma gietx michuda – liema dokument Spiteri irrifjuta li jiffirma ghax hass li ma kellux aktar x’jaqsam mad-dejn fuq il-vettura. F’dan il-kuntest, ghalhekk, huwa wkoll

[2] Ara Artikolu 1179(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
[3] Artikolu 1180(2) ibid.
[4] Artikolu 1181(1) ibid.

irrilevanti dak li qed isostnu l-konvenuti appellanti dwar in-nuqas ta’ azzjoni mehuda mis-socjeta` attrici biex tirrevoka dak li kien intqal fid-dokument CS u dana billi, minkejja dak li jinghad fl-istess dokument, ma jirrizultax li saret novazzjoni b’mod li l-obbligazzjoni antika, naxxenti mill-kambjali, giet maqtula.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------